KUNSILL LOKALI KALKARA
KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 1

Il-Hamis 17 ta' Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Maria Sultana- Kunsilliera
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Ma kienx hemm**

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

1.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ma kienx hemm***

1.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Dicembru 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindku is-Sur Christopher Bruno

1.3 A1 **Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta preċedenti ( Seduta 13)**

(Punt 14.3.A2 mis-seduta preċedenti )Is-Seg Eżek spjegat il-Kunsill illi dak li ġie diskuss u maqbul fis-seduta preċedenti ma jistax iseħħ peress illi l-owner tas-sit ġab kopja ta' permessi lill-Kunsill fejn jagħtu konferma illi hu għandu permessi maħruġa mill-PA fuq l-imwejjed u s-siġġijiet li joħroġ barra kif ukoll irċevuta ta' kemm iħallas fis-sena.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ilmenti li qed ikun hemm fil-viċinanzi ta' dan il-ħanut huma kollha lmenti li l-awtorijiet tal-enfurzar iridu jieħdu ħsieb, minn naħa tal-Kunsill ma tantx hemm wieħed x'jista' jagħmel ħlief jirraporta parkeġġ ħażin fl-inħawi li qed johloq periklu u inkonvenjent lil terzi persuni.

14.3 B - Korrespondenza

B1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi kif diġa' kemm il-darba ġew diskussi punti importanti u kruċjali fi 3 'byelaws' li l-Kunsill qabel

unanimament li joħroġ, f'din is-seduta qed jiġu preżenti t-3 'bye laws' iffinalizzati bil-malti fejn ser ikunu qiegħedin ukoll jiġu meqlubin bl-ingliż hekk kif tgħid il-liġi u hekk kif ġejna gwidati mid-dipartimenti stess.

Il-Kunsill reġa' qabel unanimament fuq it-3 'bye laws' ippreżentati waqt din is-seduta.

B2 Il-kunsill qabel bi 3 voti kontra 2 illi għandha tinħareġ 'no objection permit' bħal ma għandom id-dgħajjes kollha l-oħra n-naħa tar-regatta biex individwu li ressaq it-talba tiegħu biex itella' d-dgħajsa tiegħu ikun jista' jagħmel dan bid-dokumenti neċessarji mill-Kunsill.

Fl-istess ħin il-Kunsill speċjalment 2 mill-kunsilliera li ma qablux li għandha tinħareġ din in-'no objection' iddiskuta illi dawn in-'no objections' li qed jinħarġu mill-Kunsill huma kollha kontra l-liġi u l-Kunsill għandu jara x'wieħed jista' jagħmel biex l-ebda dgħajsa ma tittella' f'din l-akkwata imma għandu jinstab post alternattiv biex l-istess nies ikollom fejn itellgħu d-dgħajjes tagħhom fiż-żminijiet tax-Xitwa.

Is-Sinjura Sultana kompliet tisħaq li dawn id-dgħajjes qiegħedin jieħdu post ta' parkeġġi tal-karozzi , kif ukoll is-Sur Vince Bongailas qal illi iż-żona trid tiġi rregolazzita illum qabel għada minħabba raġunijiet ovji u hekk skond kif tgħid il-liġi.

Is-Sur Bruno saħaq illi hu jaqbel li l-akkwata għandha tiġi irregolizzata imma sadanittant dan l-individwu għandu dritt itella' bħal l-oħrajn kollha.

L-istess Kunsill iddiskuta illi bħal dan is-sit hemm ukoll in-naħa tax-Xewkija fejn fil-preżent hemm ukoll 'caravans' stazzjonati fil-post li saħansitra ġabu 'mobile toilet' fl-akkwata għal konvenjenza tagħhom.

Il-Kunsill qabel li wieħed għandu jieħu 'stand' fuq dawn il-każi li qed ikerrħu l-ambjent tal-lokal tal-Kalkara.

B3 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop uriet pjanti immarkati hekk kif wieġbu għal mistoqsija tal-Kunsill l-uffiċċju elettorali l-konfini tal-Kalkara sa fejn iwasslu fejn dawn l-istess pjanti qed juru biċ-ċar illi l-mina tal-Kalkara hija tal-Kalkara kemm minn ġewwa kif ukoll minbarra peress li kien hemm diżgwit fuq din il-kwistjoni minn dejjem.

Il-Kunsill qabel illi s-Seg Eżek għandha titlob permess formali minn dan l-

uffiċċju li ħareġ din l-informazzjoni biex wieħed ikun jista' jippublika għal benefiċċju tar-residenti Kalkariżi. Wara li jsir dan tajjeb li wieħed għandu jirranġa sinjali / manutenzzjoni u 'up keep' tal-akkwata li sal-ġurnata tal-lum hija meqjusa li taqa' taħt il-Birgu pero minn din l-informazzjoni li kiseb il-Kunsill juri fiċ-ċar li hemm hekk huwa fil-verita' tal-Kalkara. Is-Sinjura Sultana qalet ukoll illi la darba din l-informazzjoni hija koretta għandha titella' bandiera tal-Kalkara fuq l-istess mina b'raġunijiet ovVji.

B4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop talbet il-Kunsill japprova l-'performance bonus' tas-Segretarja skond kif hi personali u kif suppost meliet id-dokument bħal kull sena b'rata ta' 10 percent hekk kif hi tħoss li s-Seg Eżek għandha tieħu.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġerimenti u l-kummenti kollha miktuba mis-Sindku fuq id-dokument ippreżentat waqt din is-seduta hekk kif kull membru irringrazzja lis-Seg Eżek tax-xogħol siewi li hi ghamlet u qed tagħmel fi ħdan il-Kunsill Lokali Kalkara.

Is-Seg Eżek irringrazzjat il-Kunsill kif ukoll ressqet għal approvazzjoni l-'performace bonuses' tal-impjegati kollHa b'rata ta' 6 percent hekk kif hija tħoss li għandhom jieħdu.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qalet is-Seg Eżek fuq l-impjegati kollha tal-Kunsill stess u bhekk gie approvat il performance bonus ta' kulhadd.

C. Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill fuq il-ħarġiet kulturali li hi ser tkun qed torganizza għal ħabta ta' Frar u Marzu 2019 kemm għal irġiel kif ukoll għal anzjani u familja.

D Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop saħħqet illi hi xtaqet f'isem il-Kunsill torganizza attivita' fl-okkazzjoni tal-memorja li l-Kunsill jorganizza ta' Mafkar tal-Gwerra fit-24 ta' Marzu fejn min ikun jixtieq jagħti d-demm u jagħmel ġest nobbli.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi din il-materja taqa' taħt id-dekasteru tagħha u tajjeb li din l-attivita' tal-għotja tad-demm tiġi maħduma u maqgħuda kemm minn naħa tagħha kif ukoll min naħa tas-Sindku.

L-attivita' ser tkun qed tiġi maħduma u organizzata hekk kif ġie maqbul waqt

din is-seduta mis-Sindku kif ukoll mill-kunsilliera Sinjura Sultana.

## 1.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Kunsilliera- Is-Sinjura Maria Sultana

A1 Is-Sinjura Sultana wriet ritratt lis-Seg Eżek fejn f'seduta partikolari hija kienet diġa' spjegat illi t-tabella li hemm imwaħħla fl-inħawi ta' San Mikiel għandha tiġi mressqa għaliex m'hijiex qiegħeda tgħin xejn lir-residenti li joqgħodu f'dawn l-inħawi minħabba li ma tidirx mill-karozzi li jkunu neżlin minn Triq Rnella. Dan ir-ritratt ser ikun qed jintbgħat minn naħa tas-Sinjura Sultana fuq whatsapp lis-Seg Eżek biex b'hekk hi tkun tista' tibgħat il-ħaddiema tal-Kunsill jirranġaw li hemm bżonn.

A2 Is-Sinjura Sultana saħħqet illi tajjeb li wieħed jagħmel rapport lill-awtoritajiet ikkonċernati mill-'health and safety' fuq siti ta' kostruzzjoni dan wara illi hi personali tgħaddi minn toroq li hemm siti ta' kostruzzjoni li l-'hoarding' u l-affarijiet neċessarji żgur li m'humiex skond il-liġi. Hija wriet ritratt ta' 'hoarding' partikolari li qiegħed fil-preżent ġewwa Triq Rnella fejn qalet ukoll illi allaħares wieħed kien għaddej minn dawn l-akkwati meta ġara l-inċident li ġara aktar kmieni din il-ġimgħa stess li kulħadd sema bih.

1.4.B Il-Kunsillier – Is-Sur Paul Bongaials

B1 Is-Sur Paul Bongailas saħaq illi wara l-inċident li sar fi Triq Rnella ta' 'hit and run' prattikament, tajjeb li l-Kunsill jibgħat lill-awtoritajiet ikkonċernati biex wieħed jara' x'jista' jsir biex jitnaqqas l-ispeed eċċessiv li ċertu karozzi jinżlu bih minn din it-triq tant dejqa. Huwa saħaq illi t-'traffic calmers' li hemm fil-preżent iridu jerġgħu jsiru mill-ġdid minħabba l-fatt illi bil-'wear and tear' tal-istess karozzi tbaxxew u m'huma tal-ebda għajnuna fejn jidħol speed eċċessiv.

B2 Is-Sur Bongailas talab lis-Seg Eżek terġa' tibgħat reminder fuq il-'mini mountable roundabout' li kellha ssir aktar minn 3 snin ilu hekk kif ġiet approvata mill-istess Transport Malta.

B3 Is-Sur Bongailas saħaq illi għas-sena 2019 tajjeb li anka Triq Marina tiġi imżejna tal-Milied b'dawl ikkulurit hekk kif ġara fi Triq ix-Xatt. Huwa saħaq ukoll illi dan l-istess dawl ikkulurit dam biex reġa' inbidel għal dak normali ta' matul is-sena.

Is-Seg Eżek ikkonfermat illi dam ma nbidel għax ma kienx hemm ħaddiema ta' manutenzzjoni biżżejjed fix-xahar ta' Jannar wara li għamlet żball li approvat 'long leave' ta' ċertu ħaddiema.

Fuq nota oħra s-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi t-tiżjin tal-milied li jitwaħħal fil-viċinanzi ta' Ġnien is-Salvatur krieħ bl-elementi tax-xita u x-xemx u li aħjar ma jitwaħħal xejn milli jitwaħħal kif inhu fil-preżent. Is-Sinjura Sindku saħħqet illi kienet ser tieħu ħsieb li ġġib kwotazzjoni biex tinbidel qabel ma' l-Kunsill jiddeċiedi li ma jwaħħal xejn fis-snin li ġejjin.

B4 Is-Sur Bongailas saqsa lis-Sinjura Sindku hemmx xi żvilupp fuq id-devoluzzjoni tal-garaxxijiet kif ukoll rigward il-berġa tal-lokal.

Is-Sinjura Sindku saħħqet illi kif diġa' kienet qalet hija kienet kellmet lill-Onorevoli Fearne fejn dan tal-aħħar qallha li m'għandiex għalfejn tfakkru għaliex ser ikun hawn berġa ikbar u isbaħ fil-lokal miftuħa fil-Kalkara. Is-Sinjura Sultana saqsiet imma fejn ser tkun miftuħa??

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat email mis-Sindku formalment lill-Onorevoli Fearne biex wieħed jikseb klarifiċi konkreti fuq din il-materja.

Is-Sur Paul Bongailas saħaq illi hemm bżonn li jiġi skedat meeting mal-Onorevoli Fearne kif ukoll mal-Onorevoli Agius ġewwa l-uffiċini tal-Kunsilli Lokali jekk dejjem hu possibli biex wieħed jerġa' jiddiskuti madwar mejda din il-kwistjoni.

B5 Is-Sur Bongailas talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex bejn is-17 u t-18 ta' April fl-okkażżjoni tal-Għid il-Kunsill jorganizza attivita' li tinkludi 'highlights' mill-musical Jesus Christ Super Star fuq iz-zuntier tal-knisja għal benefiċċju tal-Kalkariżi. Huwa qal illi la darba l-Kunsill itih il-'go ahead' u lest illi jikkordina kollox kif ukoll qabel xejn iġib kwotazzjoni minn nies li jieħdu ħsieb li jagħtu dan il-musical.

Il-Kunsill talab lis-Sur Bongailas iġib kwotazzjoni ta' kollox biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti aħjar din il-proposta.

B6 Is-Sur Bongailas għarraf il-Kunsill illi bi proġett ta' żagħżagħ ieħor li l-Kunsill Lokali tal-Kalkara għandu ċans ikun parti fih din id-darba bil-'lead partners' huma l-Griegi.

Is-Seg Eżek spjegat illi hi għandha bżonn l-informazzjoni kollha qabel wieħed ikun jista' jiddeċiedi jagħmilx parti minnu jew le dan il-għaliex il-proġett taż-żagħżagħ ta' Spanja ġarr miegħu spejjeż li ma kienux maħsuba mill-istess Kunsill u li fil-fehma tagħha l-Kunsill ma jaffordjax spejjeż bħal dawn.

L-istess Kunsill qabel ukoll illi jekk id-dati ta' dan il-proġett ser jaħbtu mad-data tal-elezzjoni tal-kunsilli wieħed għandu jibgħat risposta formali ta' skuża lill dan il-pajjiż li l-Kunsill mhux ser ikun parti min dan il-proġett ħabba raġunijiet ovvji.

1.4C Il-Kunsillier- Vince Bongailas

C1 Is-Sur Vince preżenta poster waqt din is-seduta li jinkludi dettall ta' attivita' tal-valentine li hu ser ikun qed jorganizza f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara fid-9 ta' Frar 2019

C2 Is-Sur Vince Bongailas spjega l-inċident li seħħ aktar kmieni dan ix-xahar fi Triq L-Isptar Navali fejn hu kien preżenti u ġie iffaljat rapport formali lill-Pulizija biex jerġa' jitella' ċ-ċint mill-individwu stess li bit-trakk stess tah daqqa u waqqgħu. Għandu wkoll jintbgħat email ta' tfakkira biex il-Pulizija jieħdu ħsieb li dan iċ-ċint jittella' illum qabel għada ħabba l-periklu li hemm fil-preżent.

C3 Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill illi kulħadd huwa mistieden għal attivita' li ser issir fi 25 ta' Jannar ġewwa l-mażżen tar-regatta tal-Kalkara li hu kien qed jieħu ħsieb kif diġa' informa l-Kunsill f'seduta preċedenti.

## 1.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

1.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 1.19 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 1.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 1.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

1.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 26 ta Frar 2019 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 6:30 Ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Hamis 17ta' Jannar 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |